# Ħal Qormi u l-Qriema Taħt id-Dell tal-Franċiżi

**Eric Bonanno** *B.Ed. (Hons).* ©



*Eric Bonanno*

Għal diversi drabi matul iż-żminijiet, missirijietna gergru u rvellaw kontra l-ħakkiema tagħhom. Iżda qatt bħal fl-1798 meta għamlu rewwixta kontra l-ħakkiema Franċiżi u baqgħu sejrin biha sa ma fl-aħħar qalftuhom 'il barra minn pajjiżna. F'dan l-artiklu ser nagħti daqqa t'għajn lejn l-involviment li Ħal Qormi u xi Qriema kellhom mal-ħakkiema Franċiżi bejn l-1798 u l-1800. Ser niġbor flimkien il-ġrajjiet li fihom kien imdaħħal Ħal Qormi u wliedu biex wieħed ikun jista' japprezza aktar minn xiex għaddew missirijietna.

Il-maltemp kien ilu riesaq fuq gżiritna, u t-taqlib, kemm fost is-sistema amministrattiva, kif ukoll qalb il-poplu kien ilu jinħass.

Pjan ta' difiża għall-gżejjer Maltin kien ilu mfassal u stabbilit, u stakkamenti minn kull belt u raħal kienu mqassma mad-diversi postazzjonijiet militari li kien hemm imxerrda tul il-kosta. Parti importanti fis-sistema tad-difiża kienet id-diviżjoni msejħa "Id-Dejma"[1] li nafu li kienet ilha mwaqqfa sa minn żmien l-Għarab[2].

Bħal ta' rħula oħra, ir-riġment tad-Dejma ta' Ħal Qormi kien ġie organizzat aħjar taħt il-Kavallieri ta' San Ġwann. Ir-riġment Qormi kien inkarigat mid-difiża tal-bajjiet ta' San Ġiljan, San Ġorġ, il-Madliena, Qalet Marku, u tas-Salina[3]. Kien jgħasses id-diversi trunċieri, batteriji u fortizzi li kien hemm tul il-kosta mit-torri ta' San Ġiljan sa kważi ħdejn it-torri ta' San Pawl il-Baħar.

Skond dettalji li għandna fl-Arkivju ta' l-Ordni ta' San Ġwann[4], insibu li d-distribuzzjoni tat-truppi tar-riġment ta' Ħal Qormi kien kif jidher hawn taħt:

26: Gwardja fil-Kwartieri Ġenerali, Palazz ta' San Ġużepp: Subaltern Wieħed

53: Riżerva Strateġika fil-Kwartieri Ġenerali tar-Riġment, f'Birguma, in-Naxxar

100: Suldati stazzjonati fil-bajjiet ta' San Ġiljan u ta' San Ġorġ

100: Suldati stazzjonati fil-bajja tal-Madliena u f'Qalet Marku

140: Suldati stazzjonati fil-bajja tas-Salina

---

Total 419

Bħal kull kontinġent ieħor, dak ta' Ħal Qormi kellu maħżen li kien jintuża bħala armerija. Fil-fatt kien fejn illum hemm l-għassa tal-pulizija.

Fl-aħħar żminijiet ta' l-Ordni f'Malta, l-armerija kien inkarigat minnha ċertu Mikiel Balzan[5]. Biss, f'Jannar ta' l-1797, dan l-istess Balzan kien inqabad ma' diversi rġiel oħra jikkonfoffaw kontra l-Ordni. Minħabba dan ir-reat, Balzan kien akkużat, misjub ħati, u ġie eżiljat għal għomru, fuq akkuża ta' kompliċita' fis-serq ta' porvli u armi mill-istess armerija li hu kien inkarigat minnha.

Wieħed irid jgħid li meta l-irġiel tad-dejma ma kinux qegħdin fuq xogħol tul il-bajjiet, l-armi, il-porvli u l-iskrataċ li kienu jkunu nħarġulhom kien ikollhom jerġgħu jaħżnuhom fl-armerija tar-raħal.

Minkejja l-eżilju, dan Balzan reġa' deher fuq xtutna mal-miġja tal-Franċiżi, fis-26 ta' Ġunju ta' l-1798.

Issa, fil-mument ta' l-invażjoni Franċiża, it-torrijiet u l-batteriji tal-bajjiet ta' San Ġiljan u ta' San Ġorġ kienu jaqgħu taħt il-kmand dirett tal-kavallier Franċiż, De Preville.

Minbarra li s-suldati Qriema, u oħrajn Karkariżi li f'dak il-ħin kienu f'dawk l-inħawi, ma kinux armati sewwa għat-taqbid, id-destin ried ukoll li De Preville kien traditur. Malli bdiet l-invażjoni Franċiża u s-suldati Franċiżi niżlu l-art, dan il-kavallier ħareġ ixejjer maktur abjad u mar jiltaqa' ma' l-għadu tagħna.

F'wiċċ dak it-tradiment, id-difensuri Qriema u Karkariżi ma għamlu xejn għajr ħarbu, u telqu lejn il-Forti Manoel. L-assalt mill-Franċiżi fuq it-trunċieri u l-fortizzi sar ftit wara. Kollox irnexxa bla inkwiet ta' xejn. Mill-batterija ta' San Ġiljan anqas biss kien sparat tir wieħed lejn l-għadu[6].

L-invażjoni tal-gżejjer Maltin baqgħet sejra, u sa wara nofs inhar tal-Ħadd, l-10 ta' Ġunju 1798, il-biċċa l-kbira ta' l-ibliet u l-irħula, fosthom Ħal Qormi, kienu waqgħu taħt idejn il-Franċiżi.

Il-Prof. Ġuże' Galea[7] jgħid, li tul il-mixja tagħhom, il-Franċiżi għaddew biswit il-mitħna tar-riħ li hemm fuq il-wied, u baqgħu deħlin lejn Pjazza San Franġisk minn fejn infirxu lejn l-inħawi tal-viċin. Xi wħud minnhom baqgħu sejrin ukoll lejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u minn ġo fiha serqu wkoll kulma setgħu.

Mill-kitbiet ta' awturi oħra nafu bis-sakkeġġ li l-Franċiżi kienu għamlu fil-kappella ta' San Franġisk[8], fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ[9], u f'diversi djar privati[10] (Fig.1 u Fig.II Konfraternita'tar-Rużarju tal-parroċċa ta' San Ġorġ sofriet sewwa waqt l-invażjoni tal-Franċiżi[11]. Ta' min isemmi wkoll is-sakkeġġ li sar fid-dar bil-ħanut ta' Salvu Sciberras, prokuratur tal-Konfraternita' tar-Rużarju. Fost l-affarijiet li ttieħdu nsibu li kien hemm 'il fuq minn 108 skudi ta' l-istess Konfraternita'.



Fig.1. Dehra ta' l-armi ġentilizzji ta' mal-faċċata ta' dar privata f'Ħal Qormi, mibruxin mis-suldati Franċiżi.



Fig. 2. Dehra ta' arma oħra mibruxa minn mal-bejt ta' l-istess dar

Hu fatt kurjuż kif il-konfraternita' tas-S.S. Sagrament ma rreġistrat ebda telf[12]. Jista' jkun li billi dik il-ħabta kien hemm aktar moviment mis-soltu qalb il-membri tal-fratellanza tas-Sagrament billi kienet waslet il-festa ta' *Corpus Christi*, allura, xi fratelli setgħu kienu pronti u ħbew dak li kien ta' valur[13].

Il-Franċiżi ma kinux kuntenti li ħatfulna l-gżejjer tagħna u serqulna għadd kbir ta' rikkezzi. Farrkulna saħansitra ħafna familji meta bil-forza ngaġġaw magħhom mijiet ta' rġiel Maltin biex għaqqduhom mal-qawwiet Franċiżi li kienu fi triqithom lejn l-Eġittu[14].

Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-imsejkna Maltin qatt ma reġgħu raw lil art twelidhom. Biss, lil uħud ix-xorti għenithom. Kien hemm min kien inqabad priġunier tal-gwerra mill-Ingliżi. Każ minnhom

seħħ mad-dħul tal-bastiment tat-trasport, iż-"Zephyr" ġewwa l-Port il-Kbir, nhar il-Ħamis, il-11 ta' Ġunju ta' l-1801. Iż-"Zephyr" kien qed iġorr 166 priġunier. Fost il-ftit Maltin li kien hemm maqbuda, fuqu kien hemm ċertu Klawdju Azzopardi minn Ħal Qormi, li darba kien suldat fil-gwardja tal-Granmastru Hompesch[15].

Malli ħadu t-tmexxija tal-gżejjer f'idejhom, il-Franċiżi waqqfu sistema ta' tmien muniċipalitajiet biex ikollhom kontroll akbar fuq it-tmexxija ta' l-ibliet u l-irħula.

Il-kostitwenti tal-Muniċipalita' ta' Casal Fornaro[16] li kien ikopri Ħal Qormi u Ħal Luqa, u li kien jifforma parti mill-Muniċipalita' tal-Lvant, kienu dawn li ġejjin:

| | |
|---|---|
| President | L-Ispiżjar Stanislaw Gatt, minn Ħal Qormi, |
| Segretarju | Ġużeppi Casha, minn Ħal Qormi, |
| Membri | It-Tabib Manwel Micallef, minn Ħal Qormi, |
| | In-Nutar Wiġi Saverju Grech, minn Ħal Qormi, |
| | Bertu Camilleri, Benestant, minn Ħal Qormi, |
| | Grezzju Ellul, Benestant, minn Ħal Luqa. |

Bħala mħallef tal-paċi għall-Muniċipalita' ta' Ħal Qormi, kien hemm l-Avukat Stiefnu Assenza, minn Ħal Qormi wkoll[17].

Minkejja dan, wara ftit ġimgħat biss, l-ardir u l-aġir tal-ħakkiema Franċiżi kien iżjed milli l-poplu Malti kien jiflaħ, tant li ma dametx ma tkebbset rewwixta nazzjonali kontra l-ħakkiema. Uħud bassru li forsi kien kollox tal-mument u li l-poplu Malti, li l-biċċa l-kbira tiegħu kien fqir u injorant, kien poplu li joqgħod kif tpoġġih.

Il-ġlied aktar beda jinfirex ma' kull parti ta' Malta u Għawdex. L-għada li kien beda l-inkwiet fl-Imdina, Vaubois, il-kmandant suprem tal-Franċiżi f'Malta, ordna li stakkament ta' suldati Franċiżi jmorru lejn l-Imdina bil-ħsieb li jsaħħu l-gwarniġjon stazzjonat hemm. Xejn ma basru dawk is-suldati Franċiżi, li jistennewhom moħbija wara l-ħitan tas-sejjieħ fi Triq San Ġużepp, fil-Ħamrun, kien hemm ġemgħa Qriema, Karkariżi u Mostin, li malli kien il-waqt, fetħu n-nar[18] fuqhom u tefgħulhom xita ta' ġebel sakemm reġġgħuhom lura wara l-kenn tas-swar ta' Bieb il-Bombi.

L-irvell kompla jikber tant li ftit wara l-Franċiżi kollha spiċċaw assedjati u magħluqa fl-ibliet wara s-swar.

Il-ġlied baqa' għaddej u dejjem jikber. Inbnew diversi trunċieri u batteriji għall-ħbit kontra s-swar. It-trunċiera u l-batterija tal-Marsa, fuq l-għolja tal-Ġiżwiti kienu mgħassa minn battaljun ta' iżjed minn 150 Qormi.

Dan il-battaljun kellu l-ħtiġijiet tiegħu wkoll. Dawn il-bżonnijiet kienu jieħdu ħsiebhom Pawlu Sammut u l-viċi-parroku, Dun Beninju Gauci. Biss, ma kienx kollox ward u żahar. Billi l-kummerċ minn Malta kien waqaf, għalhekk, dawn ir-rappreżentanti kellhom jaraw x'jagħmlu biex ikunu jistgħu jixtru l-qamħ għall-battaljun Qormi. Bħalma għamlu r-rappreżentanti ta' battaljuni oħra, l-imsemmija, flimkien ma' Stanislaw Gatt, issellfu 3,500 skud mingħand Franġisku Axisa b'kundizzjoni li jerġgħu jħallsu kollox lura fi żmien sena b'imgħax ta' sitta fil-mija. Bosta għonja Qriema daħlu garanti għal dan is-self billi ipotekaw il-proprjeta' immobbli kollha tar-raħal[19].

Qassis ieħor Qormi li ta kontribut siewi f'dawn iż-żminijiet kien Dun Ġużepp Micallef "Ta' Fantin"[20]. Minbarra li kien saċerdot, Dun Ġużepp kien ukoll tabib.

Issa, meta biex jgħinu lill-Maltin, l-Ingliżi bdew imblokk billi għassu l-baħar ta' Malta, bħala kap ta' Ħal Qormi kien hemm Gio. Battista La Speranza u bħala kap tal-Battaljun Qormi kien tpoġġa l-ispiżjar

Stanislaw Gatt[21].

Sfortunatament, waqt il-ġlied kontra l-Franċiżi, raħalna tilef ukoll uħud minn uliedu. Waqt wieħed mill-bumbardamenti li kien sar fuq il-Kottonera, fit-trunċiera "Tal-Borġ" kienu mietu l-kanuniera Nikola Ferrando u Salvu Bonnici[22].

Bħalma jiġri dejjem, anke f'mumenti ta' karestija, issib lil xi ħadd li jipprova jistagħna minn fuq il-fqir. Meta l-kaptan Alexander Ball kien qed imexxi l-organizzazzjoni ta' pajjiżna fi żmien l-imblokk, nhar il-ġimgħa, is-27 ta' Diċembru ta' l-1799 kien ħabbar f'bandu li kull bejjiegħ li jgħolli l-prezz ta' affarijiet li jbiegħ bl-addoċċ, kien jispiċċa li kulma jkollu fil-ħanut tiegħu jiġi kkonfiskat u mogħti lill-fqar tar-raħal.

Ċertu Salvu Bartolo minn Ħal Qormi, kien wieħed minn dawk li abbuża, inqabad u pattieha qares.[23]

Fl-aħħar iżda żgur mhux l-anqas, wieħed ma jridx jinsa l-kontribut tant siewi li l-battaljun kollu ta' Ħal Qormi ta tul l-imblokk tal-Franċiżi. Il-postazzjoni tal-battaljun Qormi kienet fuq l-għolja tal-Ġiżwiti[24], fil-Marsa, li kienet tagħmel parti mill-kamp tas-Samra. Dan il-kamp kien fl-aktar parti perikoluża billi kien l-eqreb lejn il-kanuni tal-Franċiżi.

Dokument miktub fl-1803[25] jagħtina l-lista sħiħa tal-persuni li kienu qed iservu fil-battaljun ta' Ħal Qormi fil-mument tal-kapitulazzjoni tal-Franċiżi. Għalkemm l-iskop ewlieni ta' dan id-dokument kien li jressaq isem kulmin ħa sehem fl-imblokk quddiem kummissjoni mwaqqfa apposta, biex tingħata xi forma ta' ħlas, fih insibu lista ta' dawk il-Qriema qalbiena li kienu lesti li jakkwistaw il-ħelsien ta' pajjiżhom anke jekk iħallsu għalih b'ħajjithom.

Id-dokument jgħid hekk:



Battaglione di Casal Fornaro

| | |
|---|---|
| Salvadore Galdes | Capi del Battaglione |
| Pietro Caruana | " |
| Benedetto Scicluna | " |
| Paolo Gatt | Sargenti |
| Nicolo' Mizzi | " |
| Francesco Zahra | " |
| Giuseppe Galdes | " |
| Paolo Borg | " |
| Michele Galdes | " |
| Tommaso Zammit | " |
| Lorenzo Bugeja | " |
| Salvadore Spiteri | " |
| Salvadore Falzon | Caporali |
| Giuseppe Murso | " |
| Giuseppe Xicluna | " |
| Antonio Sammut | " |
| Angelo Sant | " |
| Giuseppe Mercieca | " |
| Michele Felice | " |
| Giovanni Gatt | " |
| Francesco Bugeja | " |
| Aloisio Baldacchino | Soldati |
| Giuseppe Bartolo | Soldati |
| Vincenzo Zahra | " |
| Clemente Cini | " |
| Giovanni Galdies | " |
| Carlo Grech | " |
| Angelo Bonello | " |
| Giuseppe Baldacchino | " |
| Giuseppe Farrugia | " |
| Nicola Digiovanni | " |
| Giorgio Borg | " |
| Grazzio Vella | " |
| Leonardo Camenzuli | " |
| Antonio Dalli | " |
| Giuseppe Ciantar | " |

| | |
|---|---|
| Francesco Galdes | " |
| Lorenzo Galdes | " |
| Carlo Grech | " |
| Luzio Grech | " |
| Giuseppe Bugeja | " |
| Giulio Farrugia | " |
| Giuseppe Gatt | " |
| Michele Zammit | " |
| Carlo Galdies | " |
| Giorgio Conti | |
| Soldati | |
| Michele Magro | " |
| Giovanni Falzon | " |
| Paolo Grech | " |
| Antonio Mifsud | " |
| Giacomo Dalli | " |
| Salvadore Ellul | " |
| Giovanni Domenico Bonnici | " |
| Giuseppe Muscat | " |
| Salvadore Micallef | " |
| Ignazio Borg | " |
| Giuseppe Bugeja | " |
| Giovanni Grech | " |
| Giovanni Zammit | " |
| Francesco Bugeja | " |
| Alessandro Sammut | " |
| Giuseppe Schembri | " |
| Giuseppe Colejro | " |
| Giuseppe Portelli | " |
| Giuseppe Baldacchino | " |
| Arrigo Grech | " |
| Giuliano Portelli | " |
| Vincenzo Zammit | " |
| Pietro Falzon | " |
| Salvadore Agius | " |
| Saverio Ciantar | " |
| Salvadore Mizzi | " |
| Pasquale Borg | " |
| Giovanni Buhagiar | " |
| Matteo Mifsud | |
| Giovanni Sammut | " |

| | |
|---|---|
| Giovanni Cardona | " |
| Giuseppe Sammut | " |
| Michele Grech | " |
| Salvadore Schembri | " |
| Giovanni Magro | " |
| Antonio Sammut | " |
| Salvatore Zammut | " |
| Tommaso Aquilina | " |
| Saverio Cutajar | " |
| Fortunato Caruana | " |
| Giovanni Borg | " |
| Agostino Aquilina | " |
| Pietro Falzon | " |
| Giovanni Maria Cilia | " |
| Grazzio Spiteri | " |
| Paolo Cachia | " |
| Francesco Micallef | " |
| Giovanni Maria Gatt | " |
| Gaetano Diacono | " |
| Antonio Galea | " |
| Giovanni Calleja | " |
| Giovanni Battista Mifsud | " |
| Gabriele Bugeja | " |
| Francesco Cilia | " |
| Francescio Francio | Soldati |
| Michele Bugeja | " |
| Giuseppe Caruana | " |
| Giovanni Brincat | " |
| Mario Sciberras | " |
| Paolo Pace | " |
| Antonio Micallef | " |
| Pietro Vella | " |
| Saverio Grech | " |
| Giuseppe Galdes | " |
| Antonio Galdes | " |
| Giovanni Mifsud | " |
| Giuseppe Muscat | " |
| Alberto Magro | " |
| Giuseppe Bugeja | " |
| Paolo Dimech | " |
| Giorgio Borg | " |
| Salvadore Bugeja | " |
| Ignazio Felice | " |
| Vittorio Spiteri | " |
| Felice Calleja | " |
| Antonio Delicata | " |
| Giuseppe Spiteri | " |
| Fedele Muscat | " |
| Francesco Attard | " |
| Lorenzo Xerri | " |
| Francesco Zammit | " |
| Giuseppe Mifsud | " |
| Gioacchino Pulo | " |
| Lorenzo Abela | Artiglieri |
| Antonio Bugeja | " |
| Salvadore Dibattista | " |
| Giuseppe Portelli | " |
| Giovanni Magro | " |
| Giuseppe Galea | " |
| Matteo Portelli | " |
| Giuseppe Sant | " |
| Giorgio Vella | " |
| Giovanni Fenech | " |
| Giuseppe Schembri | " |
| Giovanni Paolo Camilleri | " |
| Gregorio Mercieca | " |
| Felice Cuschieri | " |
| Salvadore Buhagiar | " |
| Salvadore Camilleri | " |
| Giorgio Scicluna | " |
| Giorgio Spiteri | " |
| Giuseppe Zahra | " |
| Giovanni Camilleri | " |
| Giorgio Micallef | " |
| Filippo Grech | " |
| Giorgio Galdes | " |
| Alessandro Dibattista | " |
| Alessandro Girada | " |
| Felice Farrugia | Tenente |

Kienu ħafna n-nies li kkontribwew għaż-żamma tal-battaljun ta' Ħal Qormi[26]. Min ħareġ flejjes minn butu u min għen mill-bejgħ tal-qoton. Min għen mill-bejgħ tal-qamħ, ross jew ħobż tal-maħlut. Kien hemm bosta li taw kontribuzzjonijiet minn ħlas ta' qbiela fuq raba' tagħhom jew ħlas ta' ċnus. Kulħadd ta kif seta'. Akkost ta' kollox, Malta kellha tinħeles minn ħakkiem bla qalb u bla skruplu.

Fl-4 ta' Settembru 1800 il-Franċiżi ċedew, u Malta għaddiet taħt l-Ingliżi. Minkejja li l-poplu kien akkwista r-rebħa u fl-aħħar deher iż-żerniq ta' era ġdida għall-Maltin u l-Għawdxin kollha, xorta waħda għal xi żmien wara baqgħet tinstema' t-taqbila:

Kemm inħobbhom il-Franċiżi
għaliex huma tajbin nett.
Li kont naqbad wieħed minnhom,
żgur inqattgħu għaz-zalzett[27].

***TMIEM***

---

1 Wettinger, G., (1969), *"The Malta Militia List of 1419 - 1420"*, fil-*Melita Historica*, Vol. V, No. 2, p. 80 *et seq.*
2 Laspina, Mgr. S., (1943), *Outlines of Maltese History*, Malta. P. 32.
3 Librerija Nazzjonali ta' Malta. A.O.M. 1011. *Regolamenti per Accampare Li Sei Reggimenti Di Campagna - 1716, 1722* u *1733.*
4 *Ibid.*
5 Testa, C., 1997. *The French in Malta 1798 - 1800*, Malta, p. 8.
6 *Ibid.* p. 45.
7 Galea, Prof. Ġ., (1928), *"Il-Knisja ta' Ħal Qormi" Biċċa Storja*, Malta, pp.12, 13.
8 Psaila, C., (1937), *Il Knisja Arċimatriċi ta Ħal Qormi bil Ġrajja Tagħha*, Malta, pp. 11, 12. F'dan il-ktieb, Psaila jsemmi li waqt l-invażjoni, is-suldati Franċiżi ħabtu għall-Kappella ta' San Franġisk minn Pawlo (Ġuspatronat tal-familja Casha), tefgħulha l-bieb ġewwa, qalbu kulma setgħu, ċarrtu l-kwadri tal-qaddisin, il-purtieri u t-trieħi li kien fiha, kif ukoll serqu l-paramenti sagri li kienu ta' valur. Jgħid ukoll li dawn is-suldati kienu qattgħu u taqqbu bix-xwabel tagħhom il-kwadru l-kbir bix-xbieha tal-Kunċizzjoni.
9 Arkivju tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi (APSĠQ), *Reġistru tal-Konsulti tal-Fratellanza tar-Rużarju, 1775 - 1960*, ff. 23v-25r, Seduta tas-16 ta' Frar 1800.
10 Psaila, C., *Op. Cit.*, p. 51. Fil-ktieb tiegħu Psaila jsemmi l-brix ta' l-armi ġentilizzji li sar mal-kerrejja, illum bin-numru 31, magħrufa wkoll bħala d-Dar tal-Kappillan jew Il-Kerrejja ta' Pinto, li qiegħda fi Triq San Pawl, kantuniera ma' Triq il-Kbira, illum proprjeta' tal-familja Mercieca.
11 APSĠQ, *Op. Cit.* ff. 25v - 26v, Seduta tal-15 t'April 1800.
12 Grima, J.F., (1999), *Ħal Qormi u l-Franċiżi - Minn Ġunju sa Settembru 1798*, fil-*Bejnietna*,Għadd 89, p. 23.
13 Psaila, C. *Op. Cit.*, p. 12. Fil-ktieb tiegħu, Psaila jgħid li l-fided tal-Knisja Parrokkjali kienu nħbew fil-kannierja. Għalkemm m'għandna ebda prova ta' dan, hu possibbli li seta' kien hemm xi paramenti sagri tal-fratellanza tas-S.S. Sagrament li ġew protetti b'dan il-mod. Fil-fatt, għadhom jeżistu xi affarijiet tal-fidda ta' qabel l-1798. Ara wkoll, Schembri, Ġ., *Il-Knisja Mżejna għall- Festa*, Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1979, p. 6.
14 Testa, C. Op. Cit. p. 111. Ara wkoll, Wismayer, Kapt. J.M., (1989), *The History of the King's Own Malta Regiment and The Armed Forces of the Order of St. John*, Malta, pp. 89-92.
15 Testa, C. *Op. Cit.* pp. 165, 166.
16 *Ibid*, p. 175. Il-muniċipalità ta' Casal Fornaro (kif dak iż-żmien kien jissejjaħ ukoll Ħal Qormi) kienet tinkludi wkoll lil Ħal Luqa.
17 *Ibid*, p. 193.
18 *Ibid*, p. 274. F'dan l-assalt intużaw l-20 mosketta li kienu nħatfu mingħand il-gwardja Franċiża li kien hemm stazzjonata fil-Bajja ta' San Ġorġ.
19 *Ibid*, pp. 423, 424.
20 Schembri, Ġ. *Mill-Ħajja Reliġjuża u Soċjali tal-Parroċċa San Ġorġ*, fi Grima, J.F. (Ed.), (1984), *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, Erba' Sekli ta' Storja*, p.127.
21 Zammit, W.L., (1999), *Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti* 1799 - 1800. pp. 64, 65.
22 Testa, C. *Op. Cit.* p. 430.
23 Testa, C. *Op. Cit.* p. 708.
24 *Ibid.* p. 587. F'din il-postazzjoni kien hemm stazzjonati 152 suldat Qormi.
25 Arkivju Nazzjonali ta' Malta (ANM), PS 09/1, ff. 88 - 95.
26 ANM, PS 10/1, ff. 1-20.
27 Muscat Azzopardi, Ġ., *Nazju Ellul*, p.141, fi Psaila, C., (1937), *Op. Cit.* p. 13.